Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Karen Mallia

Vs

Colin Pavia

CCT 43/25/CC

Illum 27 ta' Mejju 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fit-3 ta' Marzu 2025, fejn talbet rifuzjoni ta' l-ammont ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal servizz ta' trasport ta' l-iskola, liema servizz kellu jinghata minghand l- intimat.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentax risposta, izda talab zewg differimenti ghas-seduti skedati minn dan it-Tribunal, datati 8 ta' April 2025 u 20 ta' Mejju 2025.

Sema' l-attrici fis-seduta tat-8 ta' April 2025 tirriduci s-somma mitluba, b'dan li l-ammont tat-talba ghandu jkun ta' €300 (tlett mitt ewro).

Ra li l-intimat Colin Pavia naqas li jidher ghas-seduta datata 20 ta' Mejju 2025, liiema seduta kienet skedata esklussivament ghal provi tieghu.

Ra illi fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 2025 dan it-Tribunal kkonceda differiment b'intendiment car, ghal darba wahda biss sabiex l-intimat irressaq il-provi tieghu fis-seduta sussegwenti.

Ra li l-intimat ma ressaq l-ebda provi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra ;

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumenti ipprezentati mill-attrici fl-atti ta' din il-kawza, liema dokumenti jikkonfermaw li hija ivversat pagament ta' €450 (erba' mija u hamsin ewro) lil intimat, rigwardanti servizz ta' trasport lejn l-iskola.

Illi gara li tali servizz ta' transport kien hemm diversi okkazzjonijiet li ma inghatax, u dan kif jirrizulta mill-iskambju ta' messaggi bejn il-partijiet. Illi l-attrici ipprezentat dokumentazzjoni estensiva ta' dawn il-messaggi li juru li kien hemm diversi diffikultajiet, u s-servizz ta' trasport ma inghatax ghal diversi drabi.

Illi t-Tribunal wara li sema' lil attrici tixhed bil-gurament, wara li ra u evalwa d-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attrici fl-atti ta' din il-kawza, hija l-fehma kunsiderata ta' dan it-Tribunal li l-versjoni avvanzata minnha hija korretta u timmerita konferma.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attrici limitatament ghal ammont ta' €300 (tlett mitt ewro) ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru